MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 633/2010

**Angelo Barone : 42609(A) u martu Gigliola De Renzi 42610(A) f`isimhom personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Gilang Limited" C41566**

***kontra***

**Johann 725860(M) u Josephine sive Josella 483462(M) konjugi Farrugia**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-**<u>rikors guramentat</u>** prezentat fit-<u>23 ta` Gunju 2010</u> li jaqra :–

*1. Illi f`Gunju 2007, ir-rikorrent nomine beda jesegwixxi xoghol ta` restawr ta` fond li jinstab 160/162, Triq San Kristofru, Valletta mill-istat originali tieghu ta` mahzen ghall-istat prezenti tieghu ossija ta` Restaurant bl-isem "Aroma", fuq inkarigu u ghal beneficcju tal-konvenuti ;*

*2. Illi huwa nkorra spejjez f`dan ir-restawr li kienu originarjament relatati mar-restawr strutturali, allura xoghol ta` dawl, ilma, madum, kmamar tal-banju u xoghlijiet ancillari ohra kif jidhru mill-ircevuti u statements annessi kif ahjar deskritti fil-lista tad-dokumenti mehmuza ma` dan ir-rikors guramentat*

*3. Illi sussegwentement wara li tlesta x-xoghol ta` restawr, ir-rikorrent proprio et nomine, dejjem fuq struzzjonijiet u fuq inkarigu tal-konvenuti, kompla bl-ispejjez necessarji sabiex l-istabbiliment jinqaleb f`restaurant operattiv, fosthom spejjez ta` kcina industrijali, imwejjed, siggijiet, ghodda tat-tisjir u dak kollu ndikat fl-ircevuti u statements annessi kif ahjar deskritti fil-lista tad-dokumenti mehmuza ma` dan ir-rikors guramentat, dejjem imhallsa mir-rikorrent fuq struzzjonijiet u ghal beneficcju tal-konvenuti ;*

*4. Illi s-somma ta` <u>erbgha u tletin elf tliet mija u sebgha u sittin Ewro (€34,367.73)</u> huma spejjez certi, likwidu u gja` zborsati mir-rikorrenti proprio et nomine fuq struzzjonijiet u ghall-beneficcju tal-konvenuti ;*

*5. Illi ghalkemm il-partijiet ftehmu li din is-somma zborzata kellha tithallas fl-intier taghha mill-intimati, dawn baqghu debituri u inadempjenti minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi ;*

*6. Illi oltre d-debitu msemmi, ir-rikorrenti ghaddew is-somma ta` disat elef, tliet mija u sbatax-il Ewro u hamsin centezmu (€9,317.50) ekwivalenti ghal erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) bhala self brevi manu lill-intimati, fuq talba taghhom stess, minn liema somma baqa` bilanc cert, likwidu u dovut sal-lum ta` erbat elef tliet mija u sbatax-il Ewro u hamsin centezmu (€4,317.50) ;*

*7. Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-intimati lir-rikorrenti li huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponent, l-intimati m`ghandhom l-ebda eccezzjoni x`jissollevaw kontra l-pagament tieghu, jammonta ghas-somma ta` <u>tmienja u tletin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€38,685.2)</u> ;*

*8. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex il-kawza tigi deca bid-dispensa tas-smigh, u qed jigi hawn anness affidavit a tenur tal-artikolu 167 ;*

*9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, minghajr pregudizzju ghal kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-passiv soffert minnhom tul il-gestjoni tal-istess restaurant bejn Jannar 2008 sal-ahhar ta` Mejju 2010 ;*

*10. Illi l-fatti hawn dikjarati, ir-rikorrent Angelo Barone jafhom personalment ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta u taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa :*

*1. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tal-esponent fis-somma ta` tmienja u tletin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€38,685.23 );*

*2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-debitu msemmi flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta` kull hlas relattiv, bl-ispejjez legali nkluzi dawk tal-mandati ta` qbid u ta` sekwestru kawtelatorji numru 947/10 u (sic)___/10 kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat l-affidavit tal-attur Angelo Barone li kien anness mar-rikors guramentat, flimkien ma` lista tax-xhieda u elenku ta` dokumenti.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta` Lulju 2010 fejn ippermettiet lill-konvenuti illi jipprezentaw risposta guramentata.

Rat ir-**risposta guramentata** li pprezentaw il-konvenuti fil-21 ta` Lulju 2010 li taqra hekk :–

*1. Illi, fl-ewwel lok mhuwiex minnu illi l-intimati esegwew xoghol ta` restawr tal-fond 160/162, Triq San Kristoforu, Valletta mill-istat originali ta` mahzen ghall-istat prezenti tieghu fuq inkarigu u ghal beneficcju tal-esponenti. Fil-fatt ghandu jirrizulta illi skont kif miftiehem bejn il-partijiet il-maggjor parti ta` tali xoghol ta` restawr u "upgrading" sar mill-istess esponenti a spejjez taghhom esklussivament filwaqt illi r-rimanenti xoghlijiet li kienu minimali sabiex ir-"restaurant" isir wiehed operattiv*

*skond kif xtaqu l-istess atturi saru mill-atturi a spejjez u a beneficcju taghhom bil-ghan illi huma jkunu jistghu jibdew joperaw il-hanut surreferit fl-iqsar zmien possibbli.*

*2. Illi lanqas m`huwa minnu illi l-atturi hargu flus "fuq struzzjonijiet" tal-esponenti imma biss skont ftehim milhuq bejn il-partijiet kif hawn fuq imfisser u kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.*

*3. Illi lanqas ma jista` jinghad illi kien hemm xi forma ta` arrikkiment ingust da parti tal-esponenti a spejjez tal-atturi u dan kemm peress illi kwalunkwe spejjez zborsati mill-atturi saru hekk kif miftiehem mill-partijiet imma wkoll ghaliex sal-lum il-gurnata l-esponenti ghadhom ma gawdew xejn mid-dhul tal-gestjoni tal-imsemmi "restaurant". F`dan ir-rigward qed tigi prezentata d-debita kontro-talba.*

*4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, lanqas ma jidher illi l-ammont mitlub permezz tal-procedura odjerna huwa konfermat mid-dokumenti esebiti. Bil-kontra ta` dak allegat jirrizulta mill-istess dokumenti illi parti mis-somma mitluba fil-fatt giet imhallsa mill-esponenti u mhux mill-atturi.*

*5. Illi l-esponenti m`ghandhom jaghtu xejn lill-atturi imma huma l-atturi li huma debituri fil-konfront tal-esponenti kif jinghad fid-debita kontro-talba.*

*6. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat.*

*7. Illi minghajr pregudizzju gahs-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*8. B`riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, hekk kif konfermata bil-gurament mill-konvenut Johann Farrugia, kif ukoll il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-**kontrotalba** li taqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huma l-inkwilini tal-fond li ossija "restaurant" li jinsab 160/162, Triq San Kristoforu, Valletta.*

*2. Illi l-esponenti kienu lahqu ftehim verbali mal-intimati Barone et permezz ta` liema dawn tal-ahhar gew inkarigati jiggestixxu f`isem l-esponenti r-"restaurant" soggett ghall-kundizzjonijiet illi (i) id-dhul kollu minn din il-gestjoni jghaddi ghand l-esponenti salv illi l-intimati johorgu ricevuta ghas-servizzi rezi minnhom, illi (ii) l-atturi jaghtu rendikont tal-gestjoni taghhom u tal-introjtu relattiv skont il-ligi lill-istess esponent b`tali mod li l-esponenti jkunu jistghu jirredigu l-kontabilita` tal-istess hanut skont il-ligi u wkoll ai fini ta` taxxa u (iii) illi l-esponenti Johann Farrugia jirrendi lill-atturi s-servizzi tieghu bhala konsulent fir-rigward tal-gestjoni tar-"restaurant" surreferit u dan versu l-paga ta` €750 fix-xahar mill-ewwel ta` Marzu, 2008.*

*3. Illi bi ksur tal-ftehim taghhom l-intimati naqsu milli jghaddu lill-esponenti d-dhul kollu minn tali gestjoni u zammew u uzaw ghalihom id-dhul kollu mill-gestjoni tar-"restaurant" surreferit.*

*4. Illi wkoll bi ksur tal-ftehim taghhom l-intimati Barone et naqsu milli jaghtu rendikont lill-esponenti u skont kif mehtieg mil-ligi tal-gestjoni tal-hanut u wkoll tal-introjtu relattiv dan b`tali mod ma setghetx tigi redatta l-kontabilita` tal-istess hanut ukoll kif mehtieg mil-ligi u ai fini ta` taxxa bil-possibilita` illi l-awtoritajiet kompetenti jipprocedu fil-konfront tal-esponenti u b`dannu gravi ghalihom.*

*5. Illi wkoll bi ksur tal-istess ftehim l-intimati Barone et ma onorawx dik il-parti tal-ftehim permezz ta` liema kellhom jimpjegaw lill-esponenti Johann Farrugia bhala konsulent fir-rigward tal-gestjoni tar-"restaurant" surreferit u jhallsuh is-somma mensili pattwiti.*

*6. Illi l-intimati Barone et sahansitra waslu biex okkupaw minghajr titolu r-restaurant in kwistjoni, mikri lill-esponenti u dan anke billi zgassaw il-bieb u ghamlu katnazz b`mod li eskludew l-access ghall-esponent u in fatti kien biss fil-mori tal-proceduri fuq ir-revoka ta` mandat kawtelatorji li l-intimati Barone et accettaw li jroddu lura c-cwievet li kienu qed jiddetjenu llegalment.*

*7. Illi ghaldaqstant l-esponenti gustament itterminaw il-ftehim surreferit stante l-ksur da parti tal-intimati tal-obbligi taghhom skond l-istess ftehim.*

*8. Illi minkejja li gew mitluba sabiex jaghtu rendikont tal-gestjoni tal-hanut u li jhallsu l-ammonti dovuti lill-esponenti skond kif surreferit l-intimati baqghu inadempjenti.*

*9. Illi wkoll minkejja li gew mitluba sabiex jaddivjeni ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni sofferti mill-esponenti konsegwenti ghall-agir tal-intimati kif surreferit l-intimati wkoll baqghu inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi :*

*1. Tordna lill-intimati Angelo Barone (42609(A) u martu Gigliola De Renzi 42610(A) f`isimhom personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Gilang Limited" (C41566) sabiex jaghtu rendikont tal-gestjoni tal-hanut u wkoll tal-introjtu relattiv ghaz-zmien kollu li baqghu jiggestuh u dan entro terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.*

*2. Tordna lill-istess intimati sabiex jirredigu l-kontabilita` tal-istess hanut ukoll kif mehtieg mil-ligi u ai fini ta` taxxa u dan entro terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.*

*3. Tillikwida s-somom dovuti lill-esponenti ghas-servizzi rezi mill-esponenti Johann Farrugia u kif ukoll dik is-somma rapprezentanti d-dhul shih mill-gestjoni tan-negozju surreferit jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta` perit jew periti nominandi.*

*4. Tiddikjara li l-esponenti sofrew danni konsegwenti ghall-agir tal-intimati kemm bi ksur tal-ftehim premess kif ukoll kagun tal-imperizja u negligenza taghhom, kif ukoll minhabba l-agir doluz taghhom kif deskritt fil-qosor f`din il-kontrotalba.*

*5. Tillikwida d-dannu surreferit jekk hemm bzonn bil-ghajnuna ta` perit jew periti nominandi.*

*6. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somom hekk likwidati bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, hekk kif konfermata bil-gurament minn Johann Farrugia, kif ukoll il-lista tax-xhieda ndikati ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet** li l-atturi rikonvenzjonati pprezentaw fit-18 ta` Awissu 2010 u li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-atturi rikonvenzjonati jiddikjaraw illi l-ebda somma m`hi dovuta lill-konjugi Farrugia li huma, mill-banda l-ohra, debituri tal-esponenti ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-restaurant minnhom gestit kien ghadu fi stat ta` passiv u ghalhekk ma seta` kien hemm l-ebda somma dovuta lill-konjugi Farrugia ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kull somma miftehma li kienet eventwalment ser tithallas lill-konjugi Farrugia kellha tithallas biss wara li jinqata` d-debitu dovut lill-konjugi Barone relatata mar-restawr u tlestija u gestjoni tar-restaurant, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-kontrotalba nterposta mill-konjugi Farrugia hija wahda vessatorja ntiza biss sabiex jippruvaw inaqqsu s-somma verament minnhom dovuti lill-eccipjenti ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta` Settembru 2010 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Av. Yvette Cassar sabiex tigbor il-provi.tal-25 ta` Gunju 2010;

Rat l-atti kollha tas-seduti li mexxiet l-Assistent Gudizzjarju, inkluz il-provi.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Gunju 2013 fejn halliet il-kawza *sine die*.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta` Dicembru 2013 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smigh tas-27 ta` Jannar 2014.

**Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta minflok lil din il-Qorti kif diversament presjeduta sa dakinhar.**

**Rat illi l-gbir tal-provi kien maghluq fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2014 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.**

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2014 fejn halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-udjenza tal-15 ta` Jannar 2015 bil-fakolta` li l-partijiet jiskambjaw noti ta` osservazzjonijiet.**

**Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2015 il-partijiet m`ghamlux sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm.**

**Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet sa dati precizi u perentorji.**

**Rat illi l-partijiet baqghu lanqas din id-darba ma pprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**L-attur Angelo Barone** xehed illi f`Awissu 2004, hu u l-familja kienu Malta ghal btala, u kif kien Malta ltaqa` ma` Dennis Borg ufficjal mill-Kamra tal-Kummerc ta` Malta. Dan kien f` Settembru 2004. Lura l-Italja tkellem ma` Andrew Spiteri li kien jiehu hsieb l-interessi tal-Kamra tal-Kummerc ta` Malta go Milan dwar il-possibilita` li jiftah negozju Malta relatat mal-professjoni tieghu. Spiteri rrakkomanda lill-konvenut u lil Edward Zammit bhala persuni li setghu jassistuh. F`Dicembru 2004 rega` kien Malta u mar jara post li kellu l-konvenut fil-pussess tieghu. Il-post kellu bzonn ta` restawr izda kien sabih. Edward Zammit introduca ruhu bhala habib ta` l-konvenut u accountant.

L-attur xehed illi lura l-Italja beda jittratta mal-konvenut. Dan ried jiftah wine bar izda min-naha tieghu huwa nsista li l-post ikun ristorant. Il-konvenut ghamel

kalkolu li Lm 20,000 kienu ser ikunu bizzejjed biex il-post jigi restawrat u konvertit f`ristorant. F`Marzu - April 2006, il-konvenut mar Ruma ltaqa` mal-attur u mar gor-ristorant li kellu Ruma. F`April 2006, il-konvenut kien ser jintroduci terza persuna bhala partner fil-progett, izda huwa ma accettax. F`Lulju 2006, il-konvenut xempel lill-attur biex ighidlu li ried ikompli l-progett mieghu biss. Il-ftehim kien illi l-konvenut johrog il-kapital u hu kellu jipprovdi ghall-bilanc li jkun hemm pendenti. Il-profitti kellhom jinqasmu proporzjonalment skond il-kapital li jkun inhareg, izda li hu u l-mara kellhom jithallsu paga. Talab ukoll lill-konvenut sabiex jimpjega persuna mill-istaff li l-attur kellu fl-Italja. F`dak l-istadju, il-konvenut dahhal partner u cioe` lil Albert Magro.

Kompla jghid li saru diversi negozjati bejnu, l-konvenut u Magro. Ftehmu li l-konvenut kellu jinvesti Lm 8,000, Magro kellu johrog Lm 8,000 ohra, u hu flimkien ma` martu kellhom jinvestu Lm 4,000. Ghalhekk id-dhul kellu jitqassam in kwantu ghal 40% lill-konvenut, 40% lil Magro u 20% ghalih u ghal martu. Is-Lm 16,000 li poggew il-konvenut u Magro kellhom jintuzaw sabiex jixtraw l-appliances u jitranga l-fond biex isir ristorant, waqt li l-Lm 4,000 tieghu u tal-mara kellhom jintuzaw ghax-xiri ta` ikel u xorb. Skond il-ftehim, il-konvenut kellu wkoll jithallas Lm 300 fix-xahar, waqt li Magro kellu jithallas Lm 200 fix-xahar.

Kompla jfisser illi fix-xitwa 2006/2007 il-konvenut infurmah li l-permessi u l-licenzji kienu ser johorgu. Bhala salarju, il-mara tieghu kienet ser tithallas €9 fis-siegha, hu kien ser jithallas €6.50 fis-siegha bhala restaurant manager, u Sergio l-impjegat Taljan kien ser jircievi €5.50 fis-siegha. Kien maqbul ukoll illi s-sahra kellha tithallas ukoll pero` b`rata minima peress li ma ridux li jghabbu n-negozju b`hafna spejjez. Meta l-konvenut u Magro kienu jaghmluha ta` waiters kellhom jithallsu paga. Billi l-attur kellu offerta ghall-bejgh tar-ristorant tieghu ta` Ruma, talab lill-konvenut sabiex jinfurmah fejn kien wasal ix-xoghol fir-ristorant. Min-naha tieghu, il-konvenut ikkonferma li kollox kien miexi kif kien ippjanat. Cio` nonostante meta l-attur gie Malta sab li x-xoghol kien ghadu lura ferm. Il-konvenut wahhal f`Magro li ma kienx ghadu hallas is-sehem tieghu tal-investiment. Wara li ltqaghu ma` Magro, dan iddecieda li jirtira mill-progett.

Stqarr illi huwa offra li jinvesti Lm 8000 bhala kapital u l-bqija ta` Lm 12,000 johroghom il-konvenut izda dan qallu li ma kellux finanzi. Il-ftehim ghalhekk inbidel billi huwa ddecieda li jislef lill-konvenut Lm 4,000 halli b`hekk il-konvenut jigi li jkun investa Lm 12000, waqt li l-partecipazzjoni finanzjarja tieghu titla` ghal Lm 8000. Bil-ftehim kif modifikat, il-persentaggi tat-tqassim tal-profitti kienu ser ikunu ta` 60%

ghall-konvenut u ta` 40% ghalih. Il-ftehim kien jistipola li meta n-negozju jibda jaghmel net profit, mid-dhul ta` 60% dovut lill-konvenut kien ser jithallsu l-Lm 4000 li silef lil Farrugia. Huwa spjega li Malta ma kien jaf lil hadd. Ghalhekk kien jaghmel dak li kien jissuggerulu l-konvenut u Edward Zammit. Farrugia kien dejjem iweghdu li l-ftehim jsir quddiem nutar. Intant huwa spicca hareg aktar flus ghax ix-xoghol fir-ristorant kien qed iqum ferm aktar mill-Lm 20,000 li kien ikkalkola Farrugia.

L-attur stqarr illi wasal Settembru 2007 u l-konvenut qal li kellu bzonn il-flus. Huwa silef lil Farrugia Lm 4,000 ohra ghall-bzonnijiet tal-familja tieghu. Minn dan is-self thallsu €5,000 biss. Wasal Dicembru 2007 u r-ristorant kien lest izda l-konvenut qallu li l-permessi kienu ghadhom ma hargux. Fi Frar 2008 fetah ir-ristorant minghajr permessi tal-MEPA ; ghalhekk ma setax jirreklama l-post. Ha parir legali u l-avukat tieghu sab li ghalkemm il-permess mill-MEPA kien hareg, ma kienx awtorizzat li jsir tisjir fil-post. Irrizulta li l-applikazzjoni li saret kienet ghal snack bar. Fil-perijodu in kwistjoni, in-negozju kien hazin u beda jsir it-telf. Ghalkemm kien hemm insistenza da parti tal-avukat taghhom illi kull ma kien miftiehem bil-fomm isir bil-miktub, il-konvenut beda jgib hafna skuzi. Il-kitba baqghet ma saritx. Is-somma flus li qed jitlob fil-kawza hija biss parti minn somma akbar ta` flus li tilfu hu u martu.

**L-attrici Gigliola De Renzi** kkonfermat l-invoices esebiti. Qalet li l-akkwisti li saru kienu kollha affarijiet essenzjali ghar-ristorant li kien jismu "Aroma" u kien jinsab fi Triq Kristofru, Valletta. Fid-deposizzjoni taghha, l-attrici dahlet fid-dettall tal-invoices sabiex tikkonferma li kull ma jidher fihom kien akkwistat ghar-ristorant. Il-pagamenti saru kollha minn kont li kellha l-kumpannija Gilang Limited mal-APS Bank Limited. Il-flus gew kollha minn fondi taghha u ta` zewgha. Ir-ragel taghha u l-konvenut kienu l-firmatarji ghall-kumpannija. Huma taw id-dritt tal-firma lill-konvenut billi kienu qeghdin jaghmlu c-caqlieqa mill-Italja. Il-konvenut l-aktar li ffirma kien sa Gunju-Lulju 2007 meta huma ma kienux Malta. Kien hemm ukoll kontijiet fil-Bank of Valletta u fil-Lombard Bank. Il-flus f`dawn il-kontijiet bhal dawk tal-APS kienu flus taghhom li hi u zewgha kienu ttrasferew mill-Italja. Il-konvenut qatt ma qieghed flus minn tieghu fil-kontijiet. Kienu huma li xtraw l-affarijiet tar-ristorant. Dawn ghadhom fil-post li safejn taf hi llum huwa maghluq billi m`ghandhomx access ghalih. Ikkonfermat li hi u zewgha kienu silfu Lm 4,000 lill-konvenut ghall-bzonnijiet tal-familja tieghu. Minnhom hadu lura biss €5,000.

**Ivor Robinich** mill-MEPA xehed dwar permess nru 02507/2006. Skond il-permess, fil-post seta` jsir preparazzjoni ta` ikel izda mhux tisjir.

**Romwald Attard** mill-Bank of Valletta xehed illi huwa sab kont wiehed f`isem il-kumpannija Gilang Limited. Sab ukoll swift transfer li sar f`April 2008. Ma jirrizultax li kien hemm xi moviment ta` flus mill-Italja.

**David Galea** mill-APS Bank xehed illi kien hemm erba` kontijiet f`isem Angelo Barone ; tnejn minnhom kienu joint ma` Gigliola de Renzi. F`isem Gilang Limited kien hemm kont kurrenti wiehed. Kien hemm kont minnhom li jidher fis-sistema tal-bank izda qatt ma kien hemm attivita` fih. Kien ser jinfetah ma` terzi pero` qatt ma sar hekk. Dwar fondi provenjenti mill-Italja, ix-xhud fisser illi jidher li kien hemm diversi pagamenti. Angelo Barone ghamel diversi pagamenti fil-kont tieghu stess u kien hemm anke swift payments li saru fil-kont f`isem Angelo Barone u Gigliola de Renzi. Qal ukoll li kien hemm swift payments fil-kont f`isem il-kumpannija Gilang Limited.

**Il-konvenut Johann Farrugia** pprezenta kopja ta` dokumenti li juru l-bidu u t-tmiem ta` l-impjieg tieghu fl-istess jum. Ipprezenta wkoll il-kont tad-dawl u ta` l-ilma tal-fond mertu ta` din il-kawza. Esebixxa certifikat mediku rilaxxjat lilu fis-7 ta` Novembru 2009, kif ukoll estratt minn gazzetta li Angelo Barone kien impjega persuna llegalment. Ipprezenta wkoll kumment negattiv dwar il-post, u l-avviz tal-gheluq tal-post. L-avviz sar minn minn Angelo Barone wara li ttermina l-affarijiet mal-VAT u wara li kisser is-serratura tal-bieb tar-ristorant biex ikun jista` jidhol xorta. Ipprezenta wkoll dik li sejhilha prova li ghalkemm Angelo Barone kien qed jallega li ma kienx hemm flus, huwa kien impjega persuna biex tkanta fir-ristorant. Esebixxa ghadd ta` dokumenti li skond il-konvenut juru li Angelo Barone ma kienx osserva r-regoli tat-taxxa, u li juru Barone hareg hafna cheques mill-kont tal-APS ghall-affarijiet personali tieghu, dan meta l-ftehim kien li dak il-kont jintuza biss ghal gestjoni tar-ristorant. Minn dak il-kont thallsu kontijiet li kienu jghajjtu lil haddiehor. Ipprezenta wkoll rendikont li dak li kien dovut lilu.

Il-konvenut xehed illi huwa kien jikri f`ismu l-fond 160-2, Triq Kristofru, Valletta. Kellu kapital ta` Lm 13,000 biex jirranga l-post ghal ristorant u ghalhekk beda x-xoghol. In segwitu ltaqa` mal-atturi Barone li kellhom ristorant l-Italja izda li riedu jitilqu mill-Italja. Wara li sar jafhom, ghamel ftehim maghhom sabiex huma jiggestixxu l-post, u d-dhul kollu jghaddi ghandu salv illi l-atturi johorgu ricevuta ghas-

servizzi taghhom tal-gestjoni. Kellhom jaghtu rendikont tal-gestjoni tar-ristorant, u tal-introjtu sabiex imbaghad ikun jista` jidderigi, tramite l-accountant Edward Zammit, il-kontabilita`. Kien gie nkarikat bhala konsulent ghal paga ta` €750 fix-xahar b`effett mill-1 ta` Marzu 2008. Il-ftehim kien verbali in vista tal-fiducja reciproka u hbiberija ta` bejn il-partijiet. Il-ftehim sar bl-assistenza tal-accountant Edward Zammit. Il-ftehim sar fl-ufficcju tal-istess Zammit. Skond il-ftehim kellhom jitkomplew ix-xogholijiet.

Il-konvenut kompla jghid illi kien hemm habib tieghu li kien interessat jidhol ghall-progett izda l-attur ma riedx li dan jidhol. Kien hemm okkazjoni ohra fejn kien ser ikun involut haddiehor, izda wara li l-attrici ghaddiet xi kummenti, anke din it-tieni persuna ma dahlitx ghall-progett. Huwa personalment hass li kien kommess mal-atturi u ghalhekk kompla fil-progett. Spicca nefaq flusu kollha u ma kellux biex ikompli x-xogholijiet. Meta Barone gew Malta, u raw ix-xoghol wieqaf, qalulu li kienu ser ikomplu ix-xoghol huma. Fil-fatt hallsu ghall-madum ta` l-art, hallsu ghad-dwal, u ghamlu depozitu fuq l-ghamara (imwejjed, siggijiet u bar) kif ukoll fuq l-equipment tal-kcina, l-utensili u platti. Dawn komplew jithallsu wara li nfetah ir-ristorant mid-dhul li kien isir, u wara li nghalaq il-hanut, kien hu li hallas il-bilanc. Wara li saret il-kawza, hareg €15,000 minn butu ghal bilanci li kienu ghadhom dovuti ghar-ristorant.

Il-konvenut fisser illi fl-2007 l-atturi avzawhom li kienu bieghu r-ristorant taghhom tal-Italja u gew Malta minkejja li x-xoghol fir-ristorant kien ghadu lura. Krew flat Tas-Sliema b`kera ta` €924 fix-xahar, skond cheques li hargu Barone sabiex ihallsu l-kera mill-kont li suppost kellu jintuza biss mal-gestjoni tal-hanut u mhux biex isiru hlasijiet personali. Fl-ahhar ta` Lulju 2007, l-attrici giet bit-tifel u zewgha wasal gimgha wara. Ir-ristorant fetah fi Frar 2008 bl-isem ta` "Aroma Restaurant". L-atturi ghamlu kumpanija bl-isem ta` Gilang Limited biex jiehdu hsieb il-gestjoni tal-hanut. Il-kumpannija kienet iffurmata minn Edward Zammit.

Xehed illi l-impiegi tieghu bhala konsulent kien gie debitament registrat izda imbaghad skopra li l-impieg tieghu kien gie mitmum dakinhar stess. Ir-ristorant kien jitmexxa minn Angelo Barone waqt li martu kienet ic-Chef. Gabu barman guvni mil-Moldovia li kien impjegat maghhom fir-ristorant ta` l-Italja. Kien wkoll infetah kont fl-APS Bank f`ismu a.c Aroma Restaurant. Fil-kont kellhom jidhlu fih il-flus kollha tar-ristorant u jithallsu minnu l-kontijiet ta` r-ristorant biss. Hu u l-attur kienu l-firmatarji tal-kont, izda Barone seta` jiffirma minghajr il-htiega tal-firma tieghu. Sar hekk ghall-fini ta` pratticita`.

Kompla jghid li huwa kien jafda lill-atturi hafna, izda meta beda jinghata r-ricevuti u l-invoices, beda jsib li max-xirja tar-ristorant kienu qed jinxtraw affarijiet personali tal-atturi. Sar jaf li anke l-hlasijiet ghall-iskola tat-tifel taghhom kienu qed isiru mill-kont. Diversi kienu c-cheques indirizzati lil nies li huwa ma jafhomx u li ma kellhom l-ebda relazzjoni mar-ristorant. Sakemm l-ammonti indikati fir-ricevuti ma kinux konsiderevoli, huwa ma qal xejn. Kull darba li hu kien imur jghinhom fir-ristorant, l-attur kien jurih li ma kellux pjacir bih u bil-familja tieghu. Intant huwa qatt ma thallas is-€750 fix-xahar skond il-ftehim. Qal ukoll li fix-xahar ta` Awissu l-atturi kienu jaghlqu r-ristorant biex imorru Ruma bla ma jikkonsultawh.

Qal li huwa kellu van li silfu lill-atturi. Darba f`nofs ta` lejl cempillu spettur tal-pulzija biex jinfurmah li l-van kien involut f`incident. Kien infurmat li l-van kien misjuq mill-barman mill-Moldova, habat u spicca total loss. L-attur ikkonvincieh li l-van ma ma kienx jissewwa u nbiegh ghal €700 bhala wreck. Is-€700 zammhom Barone ghar-ristorant ghaliex qal li ma kienx hemm flus. Il-van baqa` registrat u l-pjanci qatt ma hadhom lura. Barone ma kienx jghidlu dwar l-introjtu tar-ristorant, minkejja li anke f`okkazjonijiet bhan-Notte Bianca, ir-ristorant kien mimli bin-nies. Huwa spicca ma ha xejn, u fl-istess hin l-atturi baqghu ma hargu l-ebda rendikont tal-gestjoni taghhom.

Stqarr illi lejn nofs l-2009, l-attur beda jkun zorr mieghu u jghamillu hajtu difficli tant li kellu jirrikorri ghal kura medika.

Xehed illi f`Novembru 2009 ircieva ittra ufficjali minghand l-atturi kien inghad li huwa kellu jaghtihom €150,000, liema somma kienet kienet tinkludi self *brevi manu*. Il-konvenut cahad li qatt issellef flus minghand l-atturi. L-attur qatt ma ta rendikont tal-gestjoni u lanqas qatt ma tah dhul mill-gestjoni tar-ristorant. Minkejja li l-attur allega li ma kellhomx flus, marru joqghodu go post iehor go Tas-Sliema stess. Ircieva mandat ta` sekwestru ghal €175,000 meta l-kawza saret ghal ammont bil-ferm anqas.

Stqarr illi ftit wara saret il-kawza, huwa ghalaq ir-ristorant, izda l-attur kisser il-katnazz u dahal gewwa. F`okkazjoni ohra dahal mit-tieqa. Wara s-6 ta` Novembru 2009, l-attur beda jwaqqfu milli jidhol fir-ristorant. Lanqas lir-rapprezentanti tal-MTA ma hallihom jidhlu. L-account tar-ristorant li kien hemm fl-APS thalla vojt mill-fondi, u kien hemm kont qawwi tad-dawl u l-ilma li ma thallasx. L-ammonti dovuti lilu skond il-ftehim kienu jammontaw ghal €15,059.48c. Maghhom iridu jizdied l-kont tad-dawl u l-ilma.

**Il-konvenuta Dottor Josephine sive Josella Farrugia** xehdet illi zewgha l-konvenut kellu post fi Triq Kristoforu Valletta. Thajjar jirrangah u applika ghall-permessi. Kellu l-kapital u qabbad bennejja biex jibdew ix-xoghol. Zewgha ma kienx midhla tax-xoghol tal-catering u beda jfittex lil min jista` jghinu. Iltaqa` mal-atturi li kellhom ristorant fl-Italja. Riedu jitilqu mill-Italja biex ikunu jistghu jgawdu lil binhom ahjar. Kien hemm koppja ohra li kienet ser tindahal biex tghin fl-investiment, izda dawn biddlu l-fehma wara diskors min-naha tal-attrici. Zewgha hassu kommess mal-atturi u ghalhekk kompla l-progett maghhom. L-atturi kienu se jmexxu r-ristorant. Id-dettalji tal-ftehim kellu jiehu hsiebhom l-accountant Edward Zammit.

Qalet li meta tlesta x-xoghol tat-tindif tal-gebel fil-post, zewgha spiccawlu l-flus u ma setax ikompli. L-atturi raw ix-xoghol wieqaf u rrabjaw meta zewgha qalilhom li ma kienx baqa` flus. L-atturi qalu li kienu ser jittrasferixxu flus taghhom biex ikunu jista` jitkompla x-xoghol. F`Mejju 2007, kienu infurmati li l-atturi biegh r-ristorant tal-Italja u li kienu gejjin Malta. Krew flat tas-Sliema u marru joqghodu hemm. Irregistraw it-tifel ic-Chiswick House School. U xtraw karozza. Ordnaw l-ghamara, il-kcina, il-madum u l-affarijiet bdew mexjin a spejjez taghhom. Qatt ma nfurmawhom li riedu kumpens ghall-ispejjez li kienu qed jonfqu. Zewgha qalilha li kien sar ftehim verbali quddiem l-accountant dwar kif kien ser jitqassmu l-mansjonijiet fir-ristorant ; l-attur kien ser ikun manager, l-attrici c-chef, u zewgha l-konsulent b`salarju ta` €750 fix-xahar. Din il-paga kienet ser tinghata lil zewgha peress li huwa seta` jipprovdihom b`servizz ta` *public relations* Tax-xoghol taghhom bhala manager u chef, l-atturi kellhom johrogu kontijiet peress li d-dhul kollu mill-operat tal-hanut kellu jmur ghand zewgha. L-atturi ffurmaw il-kumpannija Gilang Ltd u zewgha fetah kont l-APS Bank f`ismu – account Aroma Restaurant.

Stqarret illi f`Jannar 2009, kien inawgurat ir-ristorant. Qalet illi l-attur qatt ma zamm mal-hin tal-ftuh. Zewgha ma kienx jinsisti mal-attur li jinzammu l-hinijiet miftehma. Hija kienet tirreklama r-ristorant bil-kliem. Diversi kienu l-persuni li kienu

jaghmlu ilmenti maghhom. L-attur ma kienx jaccetta familji bit-tfal fir-ristorant ; anke kecca adoloxxenti minkejja li l-hanut ma kienx ikun mimli.

Kompliet tghid illi l-attur beda jkun aktar arroganti fl-imgieba tieghu. Zewgha qatt ma thallas is-€750 fix-xahar dovuti lilu. Kull darba li kien jistaqsi lill-atturi ghal dawn il-flus kienu jghidulu biex jaghtihom cans. Zewgha kien inkwetat ghaliex l-attur kienx jaghtih id-dokumenti necessarji biex jimla l-formola tal-VAT li kienet f`isem zewgha. L-atturi siefru matul Awissu kollu u ghalqu r-ristorant bla ma avzaw lil zewgha. L-atturi qatt ma kienu johorgu l-kontijiet tal-pagamenti dovuti lilhom, jew lill-kumpannija taghhom ghas-servizzi taghhom, izda kienu jzommu d-dhul kollu mir-ristorant. Fis-sajf 2009, zewgha kellu tensjoni qawwija ghaliex l-attur kien ghadu ma tah xejn. Fin-Notte Bianca, zewgha mar ighinhom fir-ristorant u ghalkemm l-attur qal li kienu dahhlu hafna flus baqa` ma tah xejn ghaliex l-attur qal li kellu bzonn il-flus biex ihallas il-kontijeit.

Spjegat illi kull meta kienu jmorru jghinuhom fil-weekends, l-atturi kienu juru bl-imgieba taghhom li ma kienux kuntenti bihom. Bejn l-2007 u l-2009, bidlu r-residenza taghhom tas-Sliema tliet darbiet b`kirja dejjem aktar gholjin. Fis-6 ta` Novembru 2009, zewgha qabdu panic attack u kellu jirrikorri ghal kura medika. Saret taf li kien tah tghajjira wahda sewwa l-attur. In segwitu waslet ghandhom ittra ufficjali fejn intalab il-hlas ta` €150,000. Cahdet li kien dovuti dawk il-flus. Anzi bil-maqlub kien l-atturi d-debituri taghhom. Ghalkemm zewgha ghalaq il-hanut, l-attur kisser il-katnazz u dahal gewwa. Minhabba l-atturi, zewgha gie fl-inkwiet ghal hlas ta` taxxa u VAT fejn jirrigwarda r-ristorant ghaliex kollox kien registrat f`ismu. Ikkonfermat li l-atturi hargu cheques biex jithallsu kontijiet personali taghhom mill-kont tar-ristorant. Hi u zewgha kienu kredituri tal-atturi fl-ammont bilancjali ta` €15,059.48c.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Waqt li kienu qeghdin jixhdu l-partijiet direttament involuti fil-kawza, issemmew tal-inqas zewg persuni li f`xi stadju jew iehor kienu involuti fit-tfassil u fit-twettieq tal-ftehim bejn il-partijiet. Issemma Albert Magro li inizjalment kien se jidhol fil-progett imbaghad irtira. Issemma wkoll l-accountant Edward Zammit li din il-Qorti hija certa li seta` tefa` dawl qawwi dwar dak li attwalment gara bejn il-partijiet. Kien ikun xhud

vitali ghaliex il-ftehim bejn il-partijiet ma sarx bil-miktub izda bil-fomm, u l-ftehim bil-fomm sar fil-presenza ta` Edward Zammit. Fl-gherf taghhom, u frankament minghajr raguni li taghmel sens, il-partijiet it-tnejn ghazlu li jhallu lil Edward Zammit barra milli jiddeponi. Dan ifisser li biex tasal li tistabilixxi x`kien tassew patwit bejn il-partijiet, il-Qorti trid toqghod l-ewwel u qabel kollox fuq id-deposizzjonijiet taghhom, u jekk ikun il-kaz, fuq id-dokumenti bhala provi korraboranti. Kif hareg tant car mir-rassenja tal-provi appena moghtija, id-deposizzjoni taz-zewg koppji huma konfliggenti fi kwistjonijiet determinanti ; in aggunta l-partijiet ghazlu li ma jaghmlu l-ebda kontroezami tal-kontroparti. Imgieba jew strategija processwali ambigwa ta` din ix-xorta certament ma tikkontribwix biex issib tarf tal-kobba li habblu l-partijiet.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et'** il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

L-istess fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" inghad :

*"Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia",** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li –*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghallkonvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "**Farrugia vs Farrugia**", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

F`sentenza ohra tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**" din il-Qorti (**PA/PS**) qalet :–

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Fid-decizjoni taghha tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Enrico Camilleri vs Martin Borg**" il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kellha dan xi tghid :-

*" … kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

*("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet …"*

F`sentenza ohra li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*"In materja ta' provi, gie diversi drabi ritenut illi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn :*

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – ara Vol. XLVI.i.5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur*

*hija sostenuta' – ara Vol. XXXVII.i..577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk iccirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

Ighallem il-**Mattirolo** fit-*Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano* – Vol III – Qunita Edizione – Para 465, 467, 468 u 471 – pag 380 sa 382 :

"*Una regola di dottrina e di gurisprudenza generale reca che **'semper onus probandi ei incumbit qui dicit'**, ossia che **'semper necessitas probandi incumbit illi qui agit'**. In verita`, il principio di egualianza civile, che nella pratica dei giudizi si traduce nel principio della parita` di trattamento assicurata alle parti, non permette che si presti fede piuttosto all'allegazione dell'uno che a quella dell'altro dei litiganti. Quindi ciascuna delle parti deve provare i fatti, che essa allega a sostegno del proprio assunto ; e l'autorita' giudicante deve pronunizare **juxta allegata et probata ....** Applichiamo questa regola all'una e all'altra parte.*

*(a) Il primo ad agire nella causa e ad allegare un fatto, da cui egli pretende sia per risultare un cambiamento nello stato attuale del diritto, e' l'attore ; e percio` **actori onus probandi incumbit.** Quindi nelle cause in cui si propone un'azione reale l'attore dovra` provare il fatto dal quale deriva il dominio ... ; se egli invece promuove un'azione personale, dovra` pure provare quel fatto, quell'avvenimento da cui nacque il suo diritto e la conseguente obbligazione del convenuto . L'attore, che non provi, deve soccombere: actor non probante, reus est absolvendus. Conseguentemente, in presenza di una domanda non provata, il convenuto puo` limitarsi a negare il fatto allegato, ma non provato dall'attore ; e il giudice debbe senz'altro assolverlo.*

*(b) Se l'attore abbia fornito la prova dei fatti che stanno a base della sua domanda, il convenuto, il quale voglia con qualsiasi eccezione o difesa modificare o distruggere lo stato attuale risultante dalle prove dell'attore, dovra`, dal suo conto, dare*

*la prova di quei nuovi fatti, che egli allega e su di cui e' fondata la sua eccezione : onde la massima* ***'onus probandi incumbit actori'****, vuol essere completata con quest'altra* ***'reus in excipiendo fit actor'****."*

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" (mhux appellata), din il-Qorti (**PA/JRM**) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova*

*mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil)*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` tax-xhieda u l-attendibilita` tal-provi huma krucjali, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

**<u>Dwar it-talbiet</u>** :-

Hlief ghas-somma ta` Lm 4,000 li <u>jallegaw</u> li silfu lill-konvenut, u li minnha kien <u>allegat</u> li baqa` €4,317.40c x`jithallsu lura, l-atturi pprezentaw sett ta` invoices u rcevuti li skond huma, hallsu huma jew il-kumpannija taghhom. Jirrizulta mix-xiehda taz-zewg nahat illi tassew l-atturi hallsu flus sabiex setghu jitkomplew ix-xogholijiet fil-post li kellu jigi operat bhala ristorant. Il-Qorti hija tal-fehma li, mankanti l-ftehim miktub bejn il-partijiet, l-esborsi li ghamlu l-atturi biex ihallsu x-xogholijiet ghandhom jigu rifuzi mill-konvenuti, stante li fl-ahhar mill-ahhar bix-xogholijiet fil-post sejrin jitgawdew mill-konvenuti iuna volta l-fond rega` gie lura ghandhom. Dan premess il-Qorti sejra tilqa` t-talba tal-atturi limitatament fis-sens li sejra tammetti li l-hlas li ghandhom jircievu l-atturi ghandu jkun ta` dawk l-ammonti li thallsu qabel ma beda jopera r-ristorant, ossija qabel Marzu 2008, billi wara li beda jopera r-ristorant, din il-Qorti abbazi tal-kumpless tal-provi hija konvinta li l-hlasijiet bdew isiru mill-introjtu li beda diehel mill-operat tar-ristorant. Dwar l-allegat self ta` Lm 4,000, li kien kontestat bhala li qatt ma sar mill-konvenuti, il-Qorti hija sprovvista ghal kollox minn xi prova oggettiva li dak is-self sar attwalment. Ma ninsewx li l-atturi qalu xott xott li s-self kien sar ghal ragunijiet personali ; u xejn aktar. Jekk mis-self thallsu €1,500, kif qalu l-atturi, ma hemmx prova ta` dan – naha jew ohra. Fl-assenza ta` kumplessi ta` provi sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, il-Qorti mhijiex sejra takkorda rifuzjoni tal-bilanc tal-flus li l-atturi jallegaw li silfu lill-konvenut.

Abbazi tad-dokumenti, jirrizulta li **<u>qabel</u>** beda jopera r-ristorant l-atturi hallsu **<u>€31,493.52</u>** u cioe` :-

Lm 230 (fol 9) ; Lm 1,216 (fol 10); Lm 110( fol 12) ; Lm 263.01 (fok 17) ; Lm 39.49c (fol 19) ; Lm 346.92c (fol 20 et seq) ; Lm 1,000 (fol 24) ; Lm 800 (fol 25) ; Lm 100 (fol 26) ; Lm 300 (fol 27) ; Lm 500 (fol 31). Dawn igibu total ta` Lm 4,905.42c ekwivalenti ghal **<u>€11,426.55</u>** ;

Skond id-dokument a fol 14 et seq tal-process, jirrizulta li qabel Marzu 2008, Hotel And Catering Limited thallset dawn l-ammonti : €7,249.15 ; €11,646.87 ; €896.060 ; €44.76 ; €65.99 ; €61.90 u €102.24. Dawn igibu total ta` **€20,066.97c**.

Ghalhekk il-figura totali ta` **€31,493.52**.

Dan premess u accertat, huwa sodisfacentement ippruvat illi mill-kont tal-bank li kien intiz sabiex jintuza ghall-operat tar-ristorant, thallsu diversi spejjez li jidhru li kienu spejjez **personali** tal-atturi. U ghalhekk il-Qorti qeghda taccetta li dawk kienu spejjez li ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni sabiex jithallsu minn dak il-kont. Anke jekk irrizulta wkoll mix-xiehda tal-konvenut li meta l-ammonti kienu zghar ma kienx jitkellem pero` fl-istess waqt dak ma jfissirx li kien qed jaccetta l-kondotta tal-attur ; tfisser semplicement li ma riedx jaqla` paroli. Jibqa` l-fatt li ma rrizultax li l-konvenut ta l-kunsens espress tieghu biex il-flus tal-kont jintuzaw biex jithallsu spejjez personali tal-atturi. Ghalhekk il-Qorti sejra **tnaqqas** dawn il-hlasijiet mill-figura fuq riferita ta` €31,493.52. L-ammonti li sejrin jitnaqqsu huma : €1000 (fol 234) ; €924.80 (fol 235) ; €423.99 (fol 236) ; €425 (fol 237) ; €343 (fol 238) ; €427 (fol 239) ; €924 (fol 240) ; €924 (fol 241) ; €182 (fol 242) ; €163.06 (fol 243) ; €792 (fol 244) ; €924 (fol 245) ; €136.50c (fol 246) ; €924 (fol 247) u €236.86c (fol 248) : total ta` **€8750.21.**

Il-bilanc favur l-atturi jibqa` dak ta` **€22,743.31** (€31,493.52 - €8,750.21)

Ghar-rigward tat-talba tal-atturi ghall-hlas tal-imghax **kif dedotta fir-rikors guramentat**, din il-Qorti hija tal-fehma illi stante li l-ammont bilancjali li qeghda tghid li huwa dovut lill-atturi mhuwiex l-ammont preciz u determinat li talbu, hija ma tistax takkorda l-hlas tal-imghax bil-mod kif intalab mill-atturi, izda qeghda tghid illi l-imghax legali ghandu jiddekorri mit-23 ta` Gunju 2010 li kienet id-data tal-presentata tar-rikors guramentat.

**Dwar il-kontrotalba** :-

Il-konvenuti talbu rendikont tal-gestjoni tar-ristorant.

Talbu wkoll lill-atturi sabiex jirredigu l-kontabilita` tar-ristorant ghall-fini ta` taxxa.

L-atturi allegaw li l-konvenuti m`ghandhom jigbru xejn billi r-ristorant kien ghadu fi stat ta` passiv.

Dak illi wiegbu l-atturi b`risposta ghall-kontrotalba baqghet allegazzjoni ghaliex l-atturi ma gabu l-ebda prova la ta` kif il-gestjoni kienet fi stat ta` passiv u lanqas ta` kontabilita`. Dik ix-xorta ta` prova kienet tispetta lill-atturi stante li t-tmexxija tal-post kienet kollha kemm hi responsabilita` taghhom.

Hemm lok ghalhekk li l-atturi jaghtu rendikont tal-gestjoni tar-ristorant sabiex jigi determinat l-introjtu u minn hemm ikun stabbilit il-profitt jew it-telf.

Il-konvenuti talbu l-hlas ghal servizzi resi. Ma huwa xejn car x`kien il-ftehim tal-partijiet dwar l-attivita` tal-konvenut fir-ristorant jew l-eventwali hlas. L-allegazzjoni tal-konvenut hija li huwa kellu jithallas €750 fix-xahar mill-atturi ghaliex kien konsulent taghhom. Il-prova li ttenta jgib il-konvenut illi huwa kien registrat bhala impjegat tal-kumpannija attrici mhijiex korraborata kif trid il-ligi. Inoltre skond id-dokumenti tal-ETC li pprezentaw il-konvenuti lanqas jidher li l-impieg qatt beda.

Il-konvenuti talbu l-likwidazzjoni u hlas ta` somma li tirrapprezenta d-dhul shih mill-gestjoni tan-negozju. Din il-Qorti mhijiex taqbel li din is-somma ghandha fl-intier taghha tghaddi ghand il-konvenuti fl-eventwalita` li mir-rendikont ikun jirrizulta li kien

ghad fadal attiv mit-thaddim tar-ristorant. Jidher illi effettivament kienu l-atturi li kienu jahdmu regolarment fir-ristorant, anke jekk il-konvenuti lmentaw illi l-atturi kienu jifthu tard jew li addirittura kienu jkeccu n-nies. L-atturi kellhom jithallsu tas-servizzi taghhom. Fl-istess hin, il-konvenuti bhala possessuri ta` l-fond kellu jircievu hlas ghall-fatt li pprovdew il-post ghar-ristorant. Meta qieset il-provi fil-kuntest ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha talloka lill-konvenuti n-nofs tal-ammonti bilancjali li jkunu jirrizultaw min-negozju tar-ristorant skond ir-rendikont. Il-kont pendenti tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta` €25,904.43 (fol 193) ghandu jithallas qabel kull ammont iehor li jirrizulta mir-rendikont.

Il-konvenuti talbu wkoll il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni. Pero` din it-talba ma kenitx sostanzjata bi provi sufficjenti u konklussivi li jmorru `l hinn minn mera allegazzjoni. Dwar l-allegati danni tal-incident tal-van li kien qed jinsaq minn impjegat tar-ristorant, il-konvenuti ma gabu l-ebda provi dokumentarji. Fuq il-kliem wahdu tal-konvenuti, anke jekk bil-gurament, il-Qorti ma tistax toqghod meta kellhom iressqu l-ahjar provi kostitwiti mill-identifikazzjoni tal-vettura, il-propjeta` taghha, il-valur taghha qabel l-incident, id-dettalji tal-incident, l-istima tal-vettura wara l-incident u l-eventwali bejgh tal-vettura wara l-incident ; minn dan kollu ma tressaq propju xejn. Ma jistghux ghalhekk il-konvenuti jfittxu l-konfort tal-Qorti meta hallew lill-Qorti minn kwalsiasi prova li ssostni l-pretensjoni taghhom.

In-notament li saru fid-Dok JF12 a fol 252 ma gewx spjegati kif kien dovut. Fost ohrajn, id-dokumenti a fol 217 et seq ma jindikawx x`sar mill-flus fis-sens jekk dawn wara li gew trasferiti ghal gol-kont gewx utilizzati ghan-negozju jew le. Inoltre meta jigu komparati d-dokumenti a fol 217 et seq mad-dokumenti a fol 210 et seq, jirrizulta li fejn hemm imnizzel il-frazi `*trf to same curr a/c*`, din solitament tintuza mill-banek biex tindika li sar trasferiment minn fuq kont ghal fuq kont iehor relatat, u li jgib l-istess ismijiet tal-beneficarji. Fid-dokument a fol 210 et seq meta saru xi trasferimenti minn kont ghal go kont intestat lil beneficarju differenti, gie indikat in-numru tal-kont bankarju.

Ghandu jinghad wkoll li minkejja l-allegazzjoni ta` l-konvenuti illi l-atturi kienu qed jittrasferixxu flus mill-kont tan-negozju ghal fuq kontijiet personali, il-konvenuti naqsu li jsemmu li mid-dokumenti a fol 210 et seq jirrizulta li fejn saru trasferimenti ghal fuq il-kontijiet bin-numri 2000058141-0 ; 2000060436-6 u 10691430039, sussegwentement regghu tpoggew lura ammonti li jaqblu bejn wiehed u iehor mal-ammonti li kienu gew trasferiti. Infatti, kienu regghu tpoggew fil-kont tan-negozju tar-

ristorant l-ammonti ta` €1,500 u €2,000. F`dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti mhijiex sejra tnaqqas l-ammonti li hemm indikati fid-dokumenti a fol 217 et seq izda sejra tnaqqas biss kif diga` nghad qabel dawk l-ammonti li rrizulta li gew utilizzati ghall-iskopijiet personali tal-atturi, minflok ghal gestjoni tar-ristorant, liema spejjez tnizzlu fic-cheques esebiti a fol 234 et seq tal-process.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-talbiet attrici.**

**Tilqa` parzjalment l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fl-ammont ta` tnejn u ghoxrin elf seba` mija tlieta u erbghin Ewro wiehed u tletin centezmu (€22,743.31).**

**Riferibbilment ghat-tieni talba tal-atturi, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta` tnejn u ghoxrin elf seba` mija tlieta u erbghin Ewro wiehed u tletin centezmu (€22,743.31) bl-imghax legali b`effett mit-23 ta` Gunju 2010 (id-data tal-presentata tar-rikors guramentat) sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tilqa` parzjalment l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontrotalba.**

**Tilqa` l-ewwel talba rikonvenzjonali kif dedotta u tipprefigi terminu ta` erba` xhur mil-lum.**

**Tilqa` t-tieni talba rikonvenzjonali kif dedotta u tipprefigi terminu ta` erba` xhur mil-lum.**

**Tichad dik il-parti tat-tielet talba rikonvenzjonali li tirrigwarda l-likwidazzjoni ta` somom dovuti lill-konvenuti ghal servizzi rezi mill-konvenut Johann Farrugia.**

**Tilqa` l-parti l-ohra tat-tielet talba billi tordna li mid-dhul shih tal-gestjoni tar-ristorant fuq riferit skond ma jirrizulta mir-rendikont fuq riferit ghandha tithallas l-ewwel is-somma ta` hamsa u ghoxrin elf disa` mija u erba` Ewro tlieta u erbghin centezmu (€25,904.43) dovuta ghall-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tar-ristorant, u mill-bilanc fl-attiv li jibqa` qeghda tiddikjara u tillikwida n-nofs bhala dovut lill-konvenuti.**

**Riferibbilment ghas-sitt talba, tikkundanna lill-atturi proprio et nomine sabiex ihallsu lill-konvenuti l-ammont talvolta dovut lilhom skond il-provvediment tal-paragrafu precedenti.**

**Tichad ir-raba` u l-hames talbiet rikonvenzjonali.**

**Tichad ukoll is-sitt talba rikonvenzjonali safejn din limitatament hija relatata mar-raba` u mal-hames talbiet rikonvenzjonali.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi u in kwantu ghal nofs mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------